MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-5 ta' April, 2004

Talba Numru. 24/2003

**Borg Aluminium Limited**

**vs**

**Frank Buttigieg**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Frar 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm128.80) u fejn intqal:

Illi l-konvenut inkariga lis-socjeta' attrici sabiex taghmel xoghol ta' aluminium li kien jikkonsisti f'shower screen u zewg insect screens;

Illi in segwitu ghall-esekuzzjoni ta' dan l-appalt ghadha dovuta s-somma ta' mija u tmienju u ghoxrin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm128.80);

Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet u minkejja diversi promessi l-hlas baqa' ma sarx;

Illi intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas dan il-bilanc flimkien mal-imghax mid-data tax-xoghol sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma' l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u dawk tal-ittri datati 10 ta' Jannar, 2003 u 22 ta' Jannar, 2003.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-11 ta' Marzu, 2003, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi:

i. l-attur qed jippretendi hlas ta' xoghol li ma sarx;

ii. l-attur qed jippretendi hlas ta' xoghol li ma sarx skond l-arti u s-sengha.

Bl-ispejjez kontra l-attur inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tas-16 u 28 ta' Jannar, 2003.

Sema' x-xhieda ta' Nancy Borg, Paul Borg, Frank Buttigieg, Carmen Buttigieg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Dan il-kaz jirrgiwarda bilanc fuq xoghol ta' shower screen u zewg insect screens li s-socjeta' attrici hadmet ghall-konvenut. F'dan il-kaz ma jirrizultax li kien hemm ftehim bil-miktub dwar il-prezz. Is-shower screen kien jiswa disghin lira, filwaqt li l-insect screens kienu jiswew hdax-il lira il-wahda. Dawn flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur mizjud igibu l-ammont reklamat. Is-socjeta' attrici qed tirreklama l-prezz dwar iz-zewg insects screens li twahhlu, u mhux dawk li ma gewx konsenjati.

2. Nancy Borg, ghas-socjeta' attrici tikkonferma li kienu hadmu s-shower screen u dan gie konsenjat, kif ukoll kienu gew konsenjati zewg insect screens. Meta gew biex jikkonsenjaw iz-zewg insect

screens l-ohra, il-konvenut oggezzjona, u jidher li qal li x-xoghol ma kienx sar sew u qabbad lil haddiehor.

3. Skond Peter Paul Borg, l-unika ilment dwar is-shower screen kien jirrigwarda pum jew “lock”. Is-socjeta’ attrici kienet ikkonsenjat u installat is-shower screen.

4. Il-konvenut Frank Buttigieg, ilmenta li minhabba kif gie is-shower screen, l-ilma kien johrog barra. Jidher li l-hgiega kienet issikkata wisq mal-frame, u inqasmet. Jirrizulta li l-aluminium ma kienx sar xoghol sew fuqu ghal dak li jirrigwarda xoghol intiz ghal shower. Inoltre jidher li l-erba’ nemusieri l-konvenut spicca ordnahom minghand haddiehor. Dan hu bazikament konfermat minn Carmen Buttigieg li tghid dwar in-nemusieri” “…all of them have come out of the aluminium. …” Apparti minn dan jirrizulta li x-xoghol dam biex jigi konsenjat. Pero’ l-aktar fattur li t-Tribunal qed jaghti piz huwa l-fatt li l-konvenuti kienu lmentaw mall-ewwel dwar ix-xoghol. Tant ma kinux kuntenti bix-xoghol li sar, u fic-cirkostanzai, mill-provi mismugha, jidhru li kienu gustifikati fl-ilmenti taghhom, illi spiccaw qabbdu lil haddiehor biex jaghmlilhom ix-xoghol.

5. Ghalhekk fic-cirkostanzai l-konvenut kien gustifikat li ma jhallasx lis-socjeta’ attrici in kwantu x-xoghol ma sarx sew.

Ghaldaqstant it-Tribunal in vista tax-xoghol hazin li gie konsenjat lill-konvenuti, qed jichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontram l-istess s-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------